



Brussell, 1 ta' Frar 2019
(OR. en)

5809/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0414(COD)

CODEC 215
AGRI 40
AGRILEG 19
AGRIFIN 6
AGRISTR 5
AGRIOrg 8
PE 15

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-pagamenti diretti u l-appoġġ għall-iżvilupp rurali rigward is-snin 2019 u 2020 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, (Brussell, 30 u 31 ta' Jannar 2019)

I. INTRODUZZJONI

Ir-rapporteur, Czesław Adam SIEKIERSKI (PPE, PL), ippreżenta rapport f'isem il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

II. VOT

Meta l-plenarja vvotat fil-31 ta' Jannar 2019, ir-rapport ġie adottat permezz ta' votazzjoni waħda.

It-test adottat u r-risoluzzjoni leġislattiva jikkostitwixxu l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari². Din tirrifletti dak li ntlaħaq qbil dwaru matul il-kuntatti informali msemija hawn fuq.

Għalhekk il-Kunsill għandu jkun fpożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

Imbagħad l-att jiġi adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² It-test adottat u r-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew huma mniżżla fl-Anness.

Ċerti regoli dwar il-pagamenti diretti u l-appoġġ għall-iżvilupp rurali rigward is-snin 2019 u 2020 *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-pagamenti diretti u l-appoġġ għall-iżvilupp rurali rigward is-snin 2019 u 2020 (COM(2018)0817 – C8-0506/2018 – 2018/0414(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0817),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha lill-Parlament (C8-0506/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-14 ta' Jannar 2019, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0018/2019),
- A. billi, għal raġunijiet ta' urġenza, huwa ġustifikat li l-votazzjoni ssir qabel l-iskadenza tat-terminu ta' tmien ġimgħat stabbilita fl-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità;
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-31 ta' Jannar 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-pagamenti diretti u l-appoġġ għall-iżvilupp rurali għas-snin 2019 u 2020

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv ntbaġħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ huwa l-qafas legali attwali għall-appoġġ tal-iżvilupp rurali. Huwa jipprevedi appoġġ għaż-żoni li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali, minbarra ż-żoni muntanjużi. Filwaqt li titqies l-estensjoni sal-2019 tal-iskadenza għad-delimitazzjoni l-ġdida taż-żoni li qed jiffaċċjaw limitazzjonijiet naturali minbarra żoni muntanjużi permezz tar-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ u l-perjodu ta' adattament iqsar għall-bdiewa li mhumiex se jibqgħu

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2019.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi

jkunu eleġibbli għal pagamenti, il-pagamenti tranżizzjonali digressivi li jibdew biss fl-2019 jenħtieġ li jibdew f'livell ta' mhux aktar minn 80 % tal-pagamenti medji ffixxati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Il-livell tal-pagament jenħtieġ li jiġi stabbilit b'tali mod li l-livell tat-tmien fl-2020 ikun in-nofs tal-livell tal-bidu.

- (2) Sabiex tingħata assistenza lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati għat-tħejjija f'waqtha tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) futura u sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-perjodu ta' programmar il-ġdid, jenħtieġ li jiġi ċċarat li huwa possibbli li jiġu ffinanzjati attivitajiet marbuta mal-preparazzjoni tal-PAK futura permezz ta' assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ huwa l-qafas legali attwali għall-pagamenti diretti. Għalkemm il-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet tiegħu jistgħu japplikaw għaż-żmien kollu li dak ir-Regolament jibqa' fis-seħħ, dispożizzjonijiet oħra jirreferu b'mod espliċitu għas-snin kalendarji 2015 sa 2019 li huma koperti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020. Għal xi dispożizzjonijiet oħra, l-applikabbiltà tagħhom lil hinn mis-sena kalendarja 2019 ma kinitx espliċitament prevista. F'Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament ġdid biex jissostitwixxi r-Regolament (UE) Nru 1307/2013, iżda biss mill-1 ta' Jannar 2021. Għalhekk, huwa xieraq li jsiru ċerti aġġustamenti tekniċi għar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 sabiex dan ikun jista' jiġi applikat bla xkiel fis-sena kalendarja 2020.
- (4) L-obbligu stipulat fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 li titnaqqas il-parti tal-ammont ta' pagamenti diretti li għandhom jingħataw lil bidwi għal sena kalendarja partikolari li taqbeż EUR 150 000 jkompli japplika għaż-żmien kollu li dak ir-Regolament ikun fis-seħħ. Madankollu, dak l-Artikolu jistipula biss obbligu għall-Istati Membri li jinnotifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom u l-prodott stmat ta' dak it-tnaqqis għas-snin 2015 sa 2019. Bil-ħsieb li tiġi żgurata kontinwazzjoni tas-sistema eżistenti, jenħtieġ li l-Istati Membri ukoll jinnotifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom rigward is-sena 2020 u l-prodott stmat tat-tnaqqis għal dik is-sena.

dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti (ĠU L 350, 29.12.2017, p. 15).

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

- (5) Il-flessibilità bejn il-pilastri huwa t-trasferiment fakultattiv ta' fondi bejn il-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali. Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu ta' din il-flessibilità fir-rigward tas-snin kalendarji 2014 sa 2019. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkun jistgħu jżommu l-istrateġija tagħhom, il-flessibilità bejn il-pilastri jenħtieġ li tkun disponibbli wkoll għas-sena kalendarja 2020, li tikkorrispondi għas-sena finanzjarja 2021.
- (6) Bħala konsegwenza tal-emenda tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, huwa xieraq li jiġi aġġustati r-referenzi għal dak l-Artikolu fil-kuntest tal-obbligu tal-Istati Membri li jnaqqsu jew iżidu b'mod lineari l-valur tad-drittijiet għall-pagamenti minħabba fluttwazzjonijiet fil-limitu massimu nazzjonali annwali li jirriżultaw min-notifiki tagħhom tal-applikazzjoni tal-flessibilità bejn il-pilastri.
- (7) Għalhekk, ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.
- (8) Sabiex tiġi pprovduta fil-pront il-flessibilità neċessarja lill-Istati Membri u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-politika ta' żvilupp rurali fis-snin finali tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, huwa kien ikkunsidrat bħala xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (9) Sabiex tiġi pprovduta fil-pront il-flessibilità neċessarja lill-Istati Membri u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-politika ta' żvilupp rurali fis-snin finali tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Marzu 2019,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1305/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 31(5), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara l-ewwel subparagrafu:

“B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fejn il-pagamenti digressivi jibdew biss fis-sena 2019, daww il-pagamenti għandhom jibdew f'livell ta' mhux aktar minn 80 % tal-pagament medju iffissat fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Il-livell tal-pagament għandu jiġi stabbilit b'tali mod li l-livell tat-tmiem fl-2020 ikun in-nofs tal-livell tal-bidu.”;

- (2) fl-Artikolu 51(1), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara l-ewwel subparagrafu:

“Il-FAEŻR jista' jiffinanzja attivitajiet li jippreparaw għall-implimentazzjoni tal-PAK fil-perjodu ta' programmazzjoni sussegwenti.”.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1307/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huwa emendat kif ġej:

- (3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Għal kull Stat Membru u għal kull sena kalendarja, il-prodott stmat tat-tnaqqis tal-pagamenti imsemmi fl-Artikolu 11 (li jkun rifless fid-differenza bejn il-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II, li miegħu jiżdied l-ammont disponibbli skont l-Artikolu 58, u l-limitu massimu nett stabbilit fl-Anness III) għandu jsir disponibbli bħala appoġġ tal-Unjoni ffinanzjat skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).”;

- (4) fl-Artikolu 11(6), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Għas-sena 2020, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet meħuda skont dan l-Artikolu u bi kwalunkwe prodott stmat tat-tnaqqis sal-31 ta' Diċembru 2019.”;

- (5) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Sal-31 ta' Diċembru 2019, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli, bħala appoġġ addizzjonali ffinanzjat taħt l-FAEŻR fis-sena finanzjarja 2021, sa 15 % tal-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 stipulati fl-Anness II għal

dan ir-Regolament. B’riżultat ta’ dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa’ disponibbli għall-għoti ta’ pagamenti diretti. Dik id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Diċembru 2019 u għandha tindika l-perċentwal magħżul.”;

(b) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Sal-31 ta’ Diċembru 2019, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli bħala pagamenti diretti sa 15 %, jew fil-każ tal-Bulgarija, l-Estonja, Spanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja sa 25 %, tal-ammont allokati għall-appoġġ iffinanzjat taħt l-FAEŻR fis-sena finanzjarja 2021 mill-leġislazzjoni tal-Unjoni adottata wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament rilevanti skont l-Artikolu 312(2) TFUE. B’riżultat ta’ dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa’ disponibbli għall-appoġġ iffinanzjat taħt l-FAEŻR. Dik id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Diċembru 2019 u għandha tindika l-perċentwal magħżul.”;

(6) fl-Artikolu 22, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. Jekk il-limitu massimu għal Stat Membru stipulat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu jkun differenti minn dak tas-sena ta’ qabel b’riżultat ta’ xi deċiżjoni li tkun ittieħdet minn dak l-Istat Membru f’konformità mal-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu, l-Artikolu 14(1) jew (2), l-Artikolu 42(1), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 49(1), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 51(1), jew l-Artikolu 53, dak l-Istat Membru għandu jnaqqas jew iżid b’mod lineari l-valur tad-drittijiet kollha għall-pagament biex tkun żgurata konformità mal-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu.”.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta’ Marzu 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
